MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2006

Avviz Numru. 392/2004

**Dormax Promotional Printing Ltd (C 27511)**

**Vs**

**Middlesea Insurance p.l.c. (C 5553)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentata mis-socjeta' attrici fid-19 ta' Lulju, 2004, fejn tablet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex a tenur tat-*Traders Combined Policy* bin-numru 0000261436903 minnha mahruga favur is-socjeta' attrici, tindennizza lis-socjeta' attrici ghal hlas u danni kollha minnha sofferti kagun tal-perkolazzjoni ta' ilma fil-fond taghha *'Graphics House'*, Industry Road, Qormi kopert mill-imsemmija polza nhar il-hmistax ta' Settembru, elfejn u tlieta f'ammont illi ghandu jigi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti occorrendo bl-opera ta' periti nominandi u dan prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja u opportiuna, inkluz occorrendo, illi s-socjeta' konvenuta

hija hekk obbligata tindennizza lis-socjeta' attrici a tenur ta' l-imsemmija polza.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-hlas effettiv, u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Marzu, 2004 kontra s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ghal finijiet ta' kompetenza, s-socjeta' attrici tiddikjara li l-ammont pretiz minnha ma jeccedix is-somma ta' tlett elef lira Maltin (LM3,000).

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Middlesea Insurance p.l.c. fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez u dan in vista tal-fatti li allegat kuntratt ta' assikurazzjoni bejn il-partijiet, li huwa l-pern tal-kawza attrici, ma jezistix u qatt ma ezista legalment.
2. Illi meta l-attur kien mar u mela l-proposal form li hija l-bazi tal-polza ta' assikurazzjoni huwa wiegeb hazin ghal domanda materjali li saritlu, dwar jekk il-fond kienx fi stat tajjeb ta' manutenzjoni jew le, (domanda numru 2 taht it-titolu 'Information to be Provided by Proposer' tal-'Proposal Form' esebita u mmarkata Dok. MS1).
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' konvenuta mhijiex obbligata tindennizza lis-socjeta' attrici taht il-polza ta' assikurazzjoni ghall-hsara u d-danni allegatament sofferti mis-socjeta' attrici kagun tal-perkolazzjoni ta' l-ilma fil-fond 'Graphics House', Industry Road, Qormi stante illi s-socjeta' attrici naqset milli zzomm il-proprjeta' mertu tal-polza ta' l-assigurazzjoni fi stat tajjeb ta' manutenzjoni kif ukoll naqset milli tiehu dawk il-mizuri u passi prekawzjonali sabiex ma ssirx hsara fil-proprjeta' msemmija kif tirrekjedi l-polza u dan bi ksur tal-klawzola numru 5 tal-'General Conditions' tal-polza, a tenur ta' liema:
*"The Insured shall keep the Property Insured in a good state of repair and take reasonable precautions to prevent Accidents Injury Destruction Damage or Loss and shall take all reasonable steps to observe and comply with*

*Statutory or Local Authority Laws obligations and requirements."*
4. Illi fi kwalunkwe kaz, il-hsara sofferta mis-socjeta' attrici mhijiex koperta taht il-polza ta' l-assikurazzjoni in kwantu l-ilma dahal fil-fond de quoi rizultat ta' hsara u difett fil-'waterproofing membrane' ta' fuq il-bejt, liema hsara u difett kienu pre-ezistenti.
5. Illi ghalhekk ma hemmx danni x'jigu likwidati favur is-socjeta' attrici u fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' attrici ghandha ggib prova tad-danni pretizi minnha.
6. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi u bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni ta' nullita' kif imqajjma mis-socjeta' konvenuta, din l-ahhar socjeta' spjegat bil-verbal, ta' l-14 ta' Frar, 2005 [fol. 18] illi dik l-eccezzjoni kellha tifthiem li s-socjeta' konvenuta ma hassithiex legalment marbuta mal-kundizzjonijiet tal-polza perezz illi ma kienx hemm *buona fede* meta ntliet il-*proposal form* minn naha tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici. Din l-ispjegazzjoni tinkwadra ruhha fl-eccezzjonijiet l-ohra rigward il-mertu.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li s-socjeta' attrici hija propretarja ta' fond bl-isem Graphics House, fi Triq l-Industrija, Qormi. Originarjament dan il-fond kien parti minn fond akbar gestit minn Dormax press, izda meta din ta' l-ahhar inqaasmet bejn l-ahwa, l-fondi gew maqsuma fi tnejn u ghal habta tas-sajf tas-sena 2003, saru xogholijiet strutturali ghas-segregazzjoni tal-fond. Fost dawn ix-xogholijiet kien jirrekjedi l-bini ta' l-opramorta fuq il-bejt, li kien miksi b'*welded water membrane* illi tqieghed xi snin qabel. Jista' jaghti kaz, illi waqt il-bini ta' din l-opramorta l-

*water membrane* intlaqghat u giet kawzata ticrita zghira, kif jidhru fir-ritratti a fol. 77 tal-process.

Fil-15 ta' Settembru, 2003 Malta ntlaqteghet minn maltempata qawwija ta' xita u rih, liema maltempata bdiet matul il-lejl u baqghet sejra sa tard filghodu. Kawza ta' din il-maltempata dahal hafna ilma fil-fond tas-socjeta' attrici u gew kawzati hafna hsarat, kemm lill-ghamara fl-ufficini u kemm lill-apparat eletronici.

Skond Clifford Micallef [fol. 39] ir-*replacement value* ta' l-apparat danneggjat kien ilahhaq l-ammont ta' elfejn, seba' mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm2,795), [ara wkoll ritratti minn fol. 41 sa fol. 45]. Ghal deskrizzjoni grafika ghal dak illi gara, l-Qorti taghmel referenza ghax xhieda ta' Clifford Micallef a fol. 38, meta jghid, "Kif diga ghidt dakinhar kienet ghamlet maltempata qalila hafna u kienet ikkawzat hsarat kbar fl-inhawi ta' Hal Qormi u l-ilma fil-fond taghna kien dahal minn izjed minn post wiehed. Infatti, niftakar illi meta wasalt fil-fond in kwistjoni, x-xita kienet regghet bdiet niezla bil-qliel u tant regghet bdiet niezla xita illi jiena stajt nara b'ghajnejja li l-katusa ta' l-ilma tax-xita li tiehu l-ilma tal-bitha nterna li tinsab biswit l-ufficcju tieghi, ma bdietx tlahhaq mall-volum kbir ta' l-ilma tax-xita, bil-konsegwenza li beda jidhol l-ilma minn gol-bitha ghal go l-ufficcju tieghi u god-*designers' room*. Fl-ufficcju tieghi u fid-*designers' room* ma kienx hemm dbajja ta' ilma fis-soffitt u ghalhekk, zgur li l-ilma li xarrab l-apparat f'dawk il-kmamar seta dahal biss b'dan il-mod li ghadni kif semmejt (cioe' meta faret il-bitha)."

Dan kollu jidher illi gie njorat mis-*surveyor* mibghut mis-socjeta' konvenuta, Bernard Farrugia, illi sostna illi minkejja li ra dan l-ilma fl-ufficini tas-socjeta' attrici, qal illi dana gie kawzat mill-ilma li dahal mit-ticrita tal-*membrane* fuq il-bejt. Argumenta li din it-ticrita kienet tezisti qabel il-maltempata u ghalhekk, il-hsara kawzata fil-fond ma kinitx direttament konsegwenza tax-xita izda minhabba nuqqas ta' *maintenance* fuq il-*water membrane* u ghalhekk dehrlu li kellu jirrakomanda lis-socjeta' konvenuta illi hija ma tonorax il-polza peress illi kien kaz ta' *non disclosure of material fact*.

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta’ konvenuta qeda targumenta illi ladarba t-ticrita kienet tezisti fil-*water membrane* qabel il-maltempata, dana biss seta’ jigi kawzat minhabba nuqqas ta’ *mainteneance* minn naha tas-socejta’ attrici u ghalhekk, meta r-rapprezentant taghha Clifford Micallef fil-*proposal form* iddikjara illi l-fond jinstab, “*In a good state of repair*” dina kienet dikjarazzjoni falza li kien jintitola lis-socjeta’ konvenuta li ma tonorax il-polza u konsegwentement tichad it-talba ghal danni kif reklamati mis-socjeta’ attrici.

Jibda biex jinghad li l-*proposal form* huwa document importanti hafna ghal fini ta’ l-assikurazzjoni, peress illi l-informazzjoni moghtija minn din il-formola tista’ tikkondizzjona d-decizjoni ta’ l-assikurazzjoni tiffavorix polza jew le. Ghalhekk, kif gie ritenut diversi drabi mill-awturi kif ukoll mill-gurisprudenza lokali, din il-*proposal form* trid tkun f’*utmost good faith*. In fatti l-awtur John Bird fil-ktieb tieghu “Modern Insurance Law” jghid, “The contract of insurance is the primary illustration of a class of contracts described as *ube rime fides*, i.e. of utmost good faith. As a result, the potential parties to it are bound to volunteer to each other before the contract is concluded information which is material …” Dan ifisser li l-assigurat irid iwiegeb sew il-mistoqsijiet illi jkun hemm fil-*proposal form* u wkoll jaghti kull taghrif iehor li jidhirlu li jkun siewi sabiex l-assikuratur jara ghandux jiehu l-piz jew jekk tghabbix bir-riskju li johrog il-polza ta’ l-assikurazzjoni jew le. [Ara wkoll Joseph Mamo vs Joseph Formosa et noe Prim’Awla 10.12.2004 kif ukoll Alfred Cuschieri vs Middlesea Insurance p.l.c. Qorti tal-Magistrati Avviz 937/99 12.03.2001]

Ghalhekk, il-kwistjoni li trid tidderimi din il-Qorti hija jekk fil-*proposal form* id-direttur tas-socjeta’ attrici ghamilx xi *non disclosure* meta huwa ddeskriva l-fond tieghu bhala *in a good state of repair*.

Fl-affidavit tieghu a fol. 37, Clifford Micallef beda biex jghid illi ma kellu l-ebda dubju illi dakinhar illi mela l-*proposal form* fis-27 ta' Jannar, 2003 il-fond tieghu kien *in a good state of repair*. Kien jaf li l-bejt kien gja munit bil-*welded water membrane* u li kien isir *maintenance* regolari mid-ditta "Gunther Waterproofing". Kien jaf ukll li l-bejt ma kien fih ebda uzu u qatt ma jsir access ghalih hlief ghal *maintenance* ta' dan il-*water membrane*. F'Ottubru, 2002 saret *maintenance* fuq dan il-*membrane* pero' meta saret il-maltempata fil-15 ta' Settembru, 2003 ghal dik is-sena Stephen Gunther, li ghandu s-socjeta' fuq imsemmija tal-Waterfproofing, ma kienx ghadu acceda fuq il-bejt, kemm ukoll ghax kien ghadu s-sajf kif ukoll il-ghaliex kienu qeghdin isiru xogholijiet ta' bini ta' l-opramorta kif gia deskritti aktar il-fuq f'dan il-gudikat. Pero', il-punt krucjali huwa li dakinhar li saret il-*proposal form* fis-27 ta' Jannar, 2003 Clifford Micallef kien gustifikat meta qal illi l-fond kien *in a good state of repair*. Ghalhekk, f'dik is-sitwazzjoni zgur illi ma kienx hemm *a non disclosure of a material fact*. Aktar u aktar meta kien jaf ukoll li ghal dawk l-ahhar sitt snin qabel il-maltempata ma kienx dahal ilma fil-fond u ghalhekk bir-ragun hassu mohhu mistrieh illi minn dak il-lat il-fond kien protett u zgur illi ma kienx ser jidhol ilma. Jekk diga kinitx tezisti t-ticrita fil-*membrane* fis-27 ta' Jannar, 2003 Clifford Micallef ma kienx f'posizzjoni li jkun jaf. Hi x'inhi, l-probabbilta hi li dik it-ticrita saret xi ftit gimghat jew granet qabel il-maltempata waqt illi kienu qed isiru x-xogholijiet, Stephen Gunther ilu f'dan in-negozju ghal zmien twil, u filwaqt illi stqarr l-efficjenza tas-sistema, stqarr ukoll illi jekk tintlaqghat b'xi daqqa hemm il-possibilita li l-*membrane* jiccarrat.

Il-Qorti wkoll hija sodisfatta illi l-ilma li pperkola fil-fond tas-socjeta' attrici ma dahalx biss mit-ticrita fil-*membrane*, izda dahal ukoll mill-bitha meta din ta' l-ahhar faret, fatt illi gie njorat jew inkella skartat mis-*surveyor* ta' l-MSB, Bernard Farrugia.

Fl-isfond ta' dawn il-provi l-Qorti hija sodisfatta illi fil-mument illi ntliet il- *proposal form* fis-27 ta' Jannar, 2003, Clifford Micallef in rapprezentanza tas-socjeta' attrici ghamel dikjarazzjonijiet korretti. Il-fond, specjalment il-

bejt kien fi stat tajjeb ta' manteniment li kien isir regolari kull sena. Il-fatt illi sussegwentement xi zmien qabel il-maltempata tal-15 ta' Settembru, 2003 tfaccat ticrita fil-*membrane* mhuwiex rizultat ta' xi negligenza jew inkella nuqqas ta' manteniment minn naha tas-socejta' attrici u fi zmien il-maltempata ma kinitx f'posizzjoni li tkun taf bl-ezistenza ta' din it-ticrita.

Ghalhekk, il-Qorti jidrilha illi l-principju ta' l-aqwa fiducja f'kuntratt ta' assikurazzjoni ma kellux jigi nterpretat b'mod li jqieghed assikurat fi zvantagg, b'mod li taghmilha aktar facli lill-kumpanija assikuratrici li tevita hlas ta' "*claim*" taht polza minnha mahruga [ara Francis Chetcuti vs Citadel Insurance p.l.c. Appell Inferjuri 15.02.2006].

Ghal dak illi jirrigwarda l-quantum, Clifford Micallef a fol. 39 spjega illi r-*replacement value* ta' l-oggetti danneggjati jammontaw ghal elfejn, seba' mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm2,795). Izda a fol. 74 qal illi huwa, " … Lest li nillimita t-talba tieghi ghal dak indikat fid-dokument a fol. 61." Dan huwa dokument mahrug minn Bernard Farrugia ghan-nom tas-socjeta' MSB Valletta Limited fejn fl-opinjoni tieghu wara illi naqqas hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) bhala *adjustment* ghall-apparat gdid akkwistat u 0.5% bhala *policy excess* skond l-istess polza, il-*final adjustment* dovut lis-socjeta' attrici huwa ta' elf, tmien mija u tleita u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,873.75).

Ghalhekk, din il-Qorti sejra tiehu din l-ahhar cifra bhala ammont ta' danni dovut lis-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallasha s-somma ta' elf, tmien mija u tlieta u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,873.75) danni kagunati fil-fond tas-socjeta' attrici 'Graphics House', Indusrty Road, Qormi wara maltempata qawwija ta' xita illi grat fil-15 ta' Settembru, 2003, liema hsara kienet koperta

b’polza ta’ assigurazzjoni mahruga mis-socjeta’ konvenuta favur is-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-Avviz kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------